

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Reġistri - Kummerċjali, Dwar L-insolvenza U Tal-artijiet](#) > [Reġistri Kummerċjali Fil-pajjiżi Tal-UE](#) > [Cyprus](#)

## Reġistri kummerċjali fil-pajjiżi tal-UE

Il-kontenut ipprovdut minn Ċipru

Ċipru



Din it-taqsimha tal-paġna tippreżenta test ta' introduzzjoni dwar ir-Reġistru tal-Kumpaniji ta' Ċipru. It-Taqsimha dwar il-Kumpaniji titratta r-reġistrazzjoni, is-segwitu, il-verifika u t-tħassir tal-kumpaniji domestiċi, il-kumpaniji barranin, l-isħubiji, l-ismijiet tan-negozji u taqa' wkoll taħt id-Dipartiment tar-Reġistru tal-Kumpaniji u r-Riċevitur Uffiċċjali (DRCOR) tal-Ministeru tal-Enerġija, il-Kummerċ, l-Industrija u t-Turiżmu.

### I. Kronoloġija tal-istabbiliment tar-reġistru nazzjonali

#### i. Meta twaqqaf?

Ir-Reġistru Kummerċjali (id-Dipartiment tar-Reġistratur tal-Kumpaniji u l-Proprietà Intellettuali (*Tmíma Efórou Etaireión kai Dianoitikís Idioktisías*)) huwa aġenzija statali u huwa marbut mal-Ministeru tal-Enerġija, il-Kummerċ u l-Industrija. Ir-reġistru nazzjonali jinkludi l-organizzazzjonijiet kollha rreġistrati mill-1923. L-ewwel kumpanija barranija ġiet irreġistrata fl-20 ta' Ġunju 1923. It-taqsimha "Kumpaniji" (*Klados Etaireión*) inħolqot fl-1924, bl-ewwel kumpanija rreġistrata fl-20 ta' Mejju ta' dik is-sena. It-taqsimha "Sħubijiet u Ismijiet Kummerċjali" (*Klados ton Synetairismón kai Emporikón Eponymión*) inħolqot fl-1929, bl-ewwel sħubija rreġistrata fis-26 ta' April ta' dik is-sena u l-ewwel isem kummerċjali fit-3 ta' Mejju 1929.

#### ii. Meta ġie ddiġitalizzat?

Fl-2013.

#### iii. Liema hija l-leġiżlazzjoni applikabbli attwali?

- Il-kumpaniji domestiċi u barranin huma rregolati mil-Liġi dwar il-Kumpaniji (*O perí Etaireión Nómos*) (il-Kapitolu 113).
- Is-sħubijiet u l-ismijiet kummerċjali huma rregolati mil-Liġi dwar is-Sħubijiet Ġenerali u Limitati u l-Isimijiet Kummerċjali (*O perí Omorrýthmon kai Eterorrýthmon Synetairismón kai Emporikón Eponymión Nómos*) (il-Kapitolu 116).
- Il-kumpaniji Ewropej huma rregolati mir-Regolamenti tal-2006 dwar il-kumpaniji pubbliċi Ewropej b'responsabbiltà limitata (SE) (l-Att Amministrattiv Regulatorju Nru 290/2006).
- Il-gruppi Ewropej b'interess ekonomiku huma rregolati mil-Liġi tal-2012 dwar il-Gruppi Ewropej b'Interess Ekonomiku (il-Liġi Nru 161(I)/2012).

### II. X'informazzjoni joffri r-reġistru kummerċjali?

#### i. Min għandu d-dritt li jaċċessa r-reġistru?

1. i. Min għandu d-dritt li jaċċessa r-reġistru?

Kwalunkwe parti interessata tista' taċċessa r-reġistru u tikseb informazzjoni dwar kumpaniji domestiċi u barranin, sħubijiet, ismijiet kummerċjali, kumpaniji Ewropej u gruppi Ewropej b'interess ekonomiku.

Kulħadd jista' jistabbilixxi online jekk organizzazzjoni partikolari hijiex elenkata fir-reġistri tad-Dipartiment u l-istatus tagħha.

Fir-rigward tal-kumpaniji Ewropej u l-gruppi Ewropej b'interess ekonomiku, ma hemm l-ebda funzjoni ta' tfittxija elettronika iżda tista' ssir tfittxija fiżika fl-uffiċċji tad-Dipartiment.

## ii. X'informazzjoni joffri r-reġistru tan-negozju?

(a) Liema tipi ta' *data* jiġu maħżuna (entitajiet imdaħħla fir-reġistru pubbliku, informazzjoni dwar l-insolvenza, rapporti finanzjarji, eċċ.)?

L-informazzjoni li ġejja tinħażen fir-Reġistru Kummerċjali:

- id-dettalji tal-kumpanija, bħall-isem, id-data tal-inkorporazzjoni u l-uffiċċju reġistrat;
- l-istatus tal-kumpanija, jiġifieri jekk tkun irreġistrata, maqtugħa, stralċjata, f'likwidazzjoni jew taħt ġestjoni;
- kapital azzjonarju awtorizzat u kapital maħruġ;
- dettalji tad-diretturi, is-segretarju u l-azzjonisti.
- l-għadd ta' ishma miżmuma minn kull azzjonist.

(b) Liema dokumenti jiġu sottomessi/maħżuna (fajls, kollezzjonijiet ta' dokumenti, statuti, minuti tal-laqgħat ġenerali, eċċ.)?

Id-dokumenti u/jew l-informazzjoni li ġejjin sottomessi lir-Registatur tal-Kumpaniji jew reġistrati miegħu huma ppubblikati f'forma elettronika fir-Reġistru Kummerċjali u jissejñu "informazzjoni obbligatorja dwar l-iżvelar": «»

- id-dokument tat-twaqqif u l-istatuti tal-kumpanija;
- kwalunkwe emenda għad-dokument tat-twaqqif u l-istatuti;
- wara emenda għad-dokument tat-twaqqif jew l-istatuti, it-test tal-verżjoni l-għdida tad-dokument emendat;
- iċ-ċertifikat ta' inkorporazzjoni u kwalunkwe bidla fl-isem;
- id-dettalji tal-ħatra u tat-tluq u l-informazzjoni personali tal-uffiċċjali, inkluż kwalunkwe bidla f'dik l-informazzjoni;
- ir-rapport annwali u d-dikjarazzjonijiet finanzjarji;
- id-dettalji tal-uffiċċju reġistrat u kwalunkwe bidla fihom;
- kwalunkwe bidla fil-kwartieri ġenerali tal-kumpanija;
- kwalunkwe ordni ta' likwidazzjoni, tkomplija tal-likwidazzjoni taħt is-superviżjoni ta' qorti, jew sospensjoni ta' likwidazzjoni;
- avviżi ta' ħatra ta' likwidatur u d-dettalji tal-likwidatur;
- id-dissoluzzjoni u kwalunkwe ordni ta' dissoluzzjoni;
- kwalunkwe riżoluzzjoni ta' stralċ volontarju;
- ir-rapport tal-likwidatur wara laqgħa finali;
- it-tneħħija ta' kumpanija mir-reġistru;
- kwalunkwe rapport jew ċertifikat dwar il-kapital;
- kwalunkwe rapport ta' għotja ta' ishma;
- notifikazzjonijiet oħra illi huma mitluba mil-liġi.

## iii. Kif nista' nagħmel tfittxija (u x'inhuma l-kriterji ta' tfittxija disponibbli)?

(a) Fiżikament

- L-informazzjoni dwar l-organizzazzjonijiet reġistrati hija disponibbli direttament mill-uffiċċji tar-Registatur tal-Kumpaniji u l-Proprietà Intellettuali, li jinsabu f'Makariou u Karpenisiou, Xenios Building, 1427 Nicosia, Cyprus.

(b) Fuq is-sit web tar-reġistru

- L-informazzjoni tista' tinsab fuq il-portal web tar-Registatur tal-Kumpaniji:

<http://www.companies.gov.cy/>

(c) X'inhuma l-kriterji ta' tfittxija disponibbli?

- Biex tagħmel tfittxija, l-ewwel ikklikkja fuq il-link tal-portal imsemmi hawn fuq. Imbagħad ikklikkja fuq "eServices", imbagħad "eSearch in Business Entity's Registry". Din tiegħdok fil-funzjoni tat-tfittxija.«» Kullħadd jista' jfittex organizzazzjoni partikolari billi jdaħħal l-isem jew in-numru ta' reġistrazzjoni tal-organizzazzjoni.

iv. Kif nista' nikseb id-dokumenti?

(a) Mingħajr ħlas?

- Tista' ssir tfittxija elettronika tal-fajl ta' kumpanija Ċiprijotta, kumpanija barranija, sħubija jew isem kummerċjali billi tittajpja l-isem jew in-numru ta' reġistrazzjoni tagħhom.

L-informazzjoni li ġejja hija disponibbli mingħajr ħlas:

- l-isem tal-organizzazzjoni;
- id-data tar-reġistrazzjoni;
- it-tip ta' organizzazzjoni;
- l-istatus tal-organizzazzjoni;
- l-indirizz tal-uffiċċju reġistrat/tal-post tax-xogħol;
- l-isem tad-diretturi eżistenti u tas-segretarju/tas-sħab/tas-sid tal-isem kummerċjali;
- previżjoni tas-servizzi pendenti li għandhom jiddaħħlu fir-reġistru;
- previżjoni tad-dokumenti reġistrati;
- id-data tar-reġistrazzjoni tal-aħħar rapport annwali.

(b) Għal tariffa?

- Għal tariffa ta' €10, tista' ssir tfittxija sħiħa tal-fajl elektroniku tal-organizzazzjoni magħżula, fejn l-informazzjoni kollha mdaħħla fir-reġistru mid-data tar-reġistrazzjoni tagħha sad-data tat-tfittxija, u din inkluża, tkun disponibbli.
- Kwalunkwe parti interessata tista' tikseb ċertifikati / kopji ċertifikati mal-ħlas tat-tariffa rilevanti.

v. Kif nista' nikseb estratt mir-reġistru, kopja ċertifikata jew traskrizzjoni tad-dokumenti?

- Kwalunkwe parti interessata tista' tissottometti talba għal ċertifikati / kopji ċertifikati mal-ħlas tat-tariffa xierqa. Iċ-ċertifikati / kopji ċertifikati jistgħu jinkisbu online, personalment, bil-posta jew bil-posta elettronika.

### iii. Il-proċess tar-reġistrazzjoni

i. Kif nista' nniedi l-proċedura ta' reġistrazzjoni (kif nissottometti applikazzjonijiet lir-reġistru, ċertifikazzjoni tad-dokumenti, tip ta' dokumenti li jeħtieġ li jiġu meħmuża)?

(a) Fiżikament

- Il-proċedura ta' reġistrazzjoni tista' titwettaq direttament fl-uffiċċju tar-Registatur tal-Kumpaniji, mal-ħlas tat-tariffa xierqa.

(b) Online

- Huwa possibbli li d-dokumenti jiġu rreġistrati kompletament online. Sabiex tirreġistra d-dokumenti ta' organizzazzjoni rreġistrata permezz tas-sistema elettronika ta' reġistrazzjoni tad-dokumenti, l-ewwel trid tikseb il-kodiċijiet tal-log-in tal-entità kummerċjali inkwistjoni. Il-kodiċijiet tal-log-in jistgħu jinkisbu billi tiġi sottomessa applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' organizzazzjoni rreġistrata fis-sistema elettronika fl-

indirizz elettroniku li ġej: [efilingcodes@drcor.meci.gov.cy](mailto:efilingcodes@drcor.meci.gov.cy)

Għal aktar informazzjoni, ara: <http://www.companies.gov.cy/en/21-eservices/efiling-of-documents>

## ii. Kif jiġu eżaminati l-applikazzjonijiet sottomessi?

- L-applikazzjonijiet sottomessi jiġu eżaminati minn uffiċjali tad-Dipartiment skont il-liġijiet u r-regolamenti rilevanti.

## IV. L-effetti legali tar-reġistrazzjoni

### i. Effett tar-reġistrazzjonijiet fuq partijiet terzi skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva (UE) 2017/1132

- Ir-Registatur tal-Kumpaniji jtellja' fir-reġistru, f'forma elettronika, l-informazzjoni aġġornata kollha li tispjega d-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li skonthom partijiet terzi jistgħu jistrieħu fuq l-informazzjoni u kull tip ta' dokument imsejjaħ "informazzjoni obbligatorja dwar l-iżvelar". «»

### ii. Diskrepanzi bejn ir-reġistrazzjoni fir-reġistru u l-pubblikazzjoni tagħha

- Fil-każ ta' diskrepanza bejn reġistrazzjoni fir-reġistru u l-pubblikazzjoni tagħha skont l-Artikolu 365a(1), il-kumpanija inkwistjoni ma tistax tuża t-test ippubblikat kontra partijiet terzi, iżda l-partijiet terzi jistgħu jinvokawh, sakemm il-kumpanija ma tkunx tista' turi li l-parti terza kienet konxja tat-test imdaħħal fir-reġistru.

### iii. Min huwa responsabbli għall-preċiżjoni tar-rekords?

- Id-diretturi/uffiċjali tal-kumpanija inkwistjoni huma responsabbli għall-preċiżjoni tar-rekords.

## V. Proċeduri ta' protezzjoni tad-*data*

Skont l-Artikolu 371a tal-Liġi dwar il-Kumpaniji (il-Kapitolu 113), l-ipproċessar ta' *data* personali abbażi ta' dik il-Liġi huwa soġġett għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Liġi dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*.

## VI. Id-dettalji ta' kuntatt

- Tista' tikkuntattja lid-Dipartiment tar-Registatur tal-Kumpaniji u l-Proprietà Intellettuali bit-telefown fuq (+357) 22404301 / 22404302, jew bil-posta elettronika fuq [eterion@drcor.meci.gov.cy](mailto:eterion@drcor.meci.gov.cy) jew [deptcomp@drcor.meci.gov](mailto:deptcomp@drcor.meci.gov),
- jew bil-posta fuq l-indirizz li ġej: Makariou u Karpenisiou, Xenios Building, 1427 Nicosia, Cyprus.

## VII. Links siewja

- <http://www.companies.gov.cy/gr>
- <http://www.companies.gov.cy/en>
- <http://www.companies.gov.cy/en/21-eservices/eseach-in-business-entity-s-registry>

---

L-aħħar aġġornament: 27/01/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.